QALA

Ref Nru: 4

Il-minuti tar-raba` laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju 2012, fil-5:00 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tat-tielet laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tat-tielet laqgha tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 Hondoq**
- **problemi dwar l-*speedboats* u *trailers.***
- **permessi ta' BBQ's, trakkijiet ta' l-ikel ecc.**

3.1 Giet diskussa l-problema dwar id-diversi dghajjes u sgombru iehor li qed jithalla fil-*parking area* ta' Hondoq ir-Rummien mis-sid li ghandu l-*kiosk* f'Hondoq. Gie deciz li ghandu jigi kkuntatjat is-sid dwar dan u jekk ma jaghtix kaz ghandha tinbghat ittra lid-Dipartiment ta' l-Artijiet u lill-Awtorita` tat-Turizmu f'Malta sabiex jiehdu azzjoni huma. Gie deciz ukoll li dan is-sid ghandu jigi nformat li d-*deckchairs* ghandhom jigu mikrija mill-*kiosk* tieghu u mhux minn fuq il-moll.

3.2 Is-Sindku semma li ta' Rapa li ghandu l-*kiosk* tal-gelat inghata n-*no objection* tal-Kunsill minhabba d-dawl temporanju. Paul Michael Debattista li ser jarmi bi *kiosk* ghall-ewwel darba wkoll nghata n-*no objection* mill-Kunsill minhabba d-dawl temporanju. Giet ukoll persuna ohra biex tarma bil-gelat u l-Kunsill iddecida li wkoll ghandha tinghata n-*no*

QALA

*objection* ghad-dawl temporanju. Il-Kunsill iddiskuta wkoll li permessi ghal loghob, BBQ's ecc, m'ghandhomx jinghataw fil-bajja izda mal-*boundaries* ta' Hondoq biss. Is-Sindku semma wkoll li l-*floodlights* ser jitwahhlu.

**4 *European Agriculture Funds for Rural Development* – mizura 313.**

4.1 Is-Sindku semma li l-bierah saret *site inspection* minn Robert Naudi mill-MRRA fuq ix-xogholijiet li saru mill-mizura 323 kif ukoll fuq il-progett ta' *Heritage Trail* li jinkludi t-tisbih ta' Pjazza San Guzepp li ser isir mill-mizura 313. Il-Perit tal-Kunsill Edward Scerri kien prezenti mieghu. Il-Perit tal-Kunsill pprepara d-dokumenti mehtiega sabiex tinhareg sejha ghall-offerti ghal-progett propost taht il-mizura 313. Il-Kunsillier Paul Buttigieg issuggerixxa li qabel ma tinhareg is-sejha ghall-offerti l-Kunsill ghandu jara l-pjanti tal-progett kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' l-Isqof t'Ghawdex. Ghalhekk is-Sindku semma li ser issir laqgha urgenti dwar dan. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill ghall-propost progett taht il-mizura 313 kif imsemmi fuq, il-Kunsill qabel unanimament.

**5 Sejha ghall-offerti ghall-progett ta' *Heritage Trail* (EAFRD mizura 313) u ghal servizz professjonali ta' Avukat.**

5.1 Dwar is-sejha ghall-offerta ghall-progett ta' *Heritage Trail* (EAFRD mizura 313), din giet trattata f'paragrafu numru 4.1. Is-Sindku semma li l-kuntratt ghas-servizz professjonali ta' Avukat skada u ghalhekk issa ser terga tinhareg sejha ghall-offerti ghal dan is-servizz.

**6 Triq ta' Kassja – Il-parti fejn hemm il-*garages* tal-*maisonettes.***

6.1 Giet diskussa l-parti minn Triq ta' Kassja fejn hemm il-*garages* tal-*maisonettes* li ghadha bit-torba u li qatt ma nghatat kisja tarmak. Qed ikun hemm hafna ilmenti mir-residenti. Il-Kunsill iddiskuta li fil-passat kienu nbghatu diversi ittri fuq din it-triq lid-Dipartimenti koncernati, izda baqa ma sar xejn. Gie deciz li ghandha tinbghat ittra lid-Dipartiment tat-toroq dwar is-sitwazzjoni ta' din il-parti tat-triq. Il-Kunsillier Paul Buttigieg staqsa dwar f'hiex waslet Triq il-Kappillan Dun Guzepp Vella. Is-Sindku semma li qed nistennew risposta minghand il-Ministeru ghal Ghawdex dwar il-problema tal-bankini.

**7 Approvazzjoni ta' l-*Annual Budget* (l-estimi tad-dhul u ta' l-infiq) ghas-sena finanzjarja 2012.**

7.1 Intbghatu lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri kopji tad-*draft* ta' l-*Annual Budget* (l-estimi tad-dhul u ta' l-infiq) li s-Segretarja Ezekuttiva ppreparat ghas-sena finanzjarja 2012. Il-Kunsill unanimament approva l-*Annual Budget* (l-estimi) ghas-sena finanzjarja 2012

QALA

## 8 Approvazzjoni tal-*Business Plan* 2012 – 2014.

8.1 Intbghatet lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri lista tax-xogholijiet u progetti li behsiebu jaghmel il-Kunsill minn 2012-2014. Gew diskussi x-xogholijiet u progetti li jistghu jsiru f'dawn it-tlett snin li gejjien. Wara dan, il-Kunsill unanimament approva din il-lista.

## 9 Attivita organizzata mill-Kunsill f'Hondoq nhar is-6 ta' Lulju 2012.

9.1 Is-Sindku semma li l-Ghaqda Briju San Guzepp ser jiehdu hsieb ta' l-organizzazzjoni ta' l-attivita` li ser issir fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Ser jingabu grupp bhat-Tribali kif ukoll il-grupp Red Electrik. Ser jigi armat ukoll xi dwal.

## 10 Skema ERDF – *Priority Axis 4 - Mitigation and Adaptation to Climate Change.*

10.1 Is-Sindku semma li saret applikazzjoni ghall-iskema ERDF – *Priority Axis 4 – Mitigation and Adaptation to Climate Change*. Il-propost progett li ghalija saret din l-applikazzjoni hija sabiex id-Distillatur li hemm fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien, jigi trasferit fi *Facility Centre*.

## 11 Patt tas-Sindki – skema energija alternattiva.

11.1 Is-Sindku semma li ser tinhareg sejha mill-PPCD dwar l-energija, l-Kunsill gie nformat mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill iddiskuta li jista` japplika sabiex jitqeghdu izjed *photovoltaic panels* fuq il-bejt tas-sala ta' l-iskola kif ukoll jinbidlu l-lampi tar-*roundabouts* u *traffic islands* li ghandna fil-lokalita` ghal ohrajn *energy saving*.

## 12 Festa ta' San Guzepp 2012.

12.1 Is-Sindku ssuggerixxa li l-*mobile kiosks* ghandhom jigu trasferiti f'post iehor peress li qed ikun hemm hafna ilmenti mir-residenti u mis-sidien tar-ristoranti dwar il-hmieg ecc li dawn kienu qed ihallu meta kienu jarmaw fi triq fin-naha tal-lemin tal-Knisja. Saret diskussjoni dwar fejn jistghu jigu trasferiti, sabiex dawn ma jdejqu lil hadd.

## 13 Materji ohra.

13.1 Is-Sindku semma li ser tintbghat persuna mill-iskema tal-ETC Xoghol fil-komunita` sabiex jiehu hsieb il-latrina pubblika li hemm fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien.

QALA

13.2 Is-Sindku semma li gie kkuntatjat mill-persuni li jipprezentaw il-programm *Aroma Kitchen* fejn ipproponew sabiex l-ahhar programm taghhom jitella` fil-lokalita` tal-Qala. Is-Sindku semma li jista` jsir fuq il-Belveder. Il-Kunsill qabel ma dan.

13.3 Is-Sindku semma li gie kkuntatjat minn Louis Debattista fejn informah li jixtieq jorganizza xi attivita lill-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta li dan ghandu jinforma lill-Kunsill dwar x'tip ta' attivita` jixtieq jorganizza.

13.4 Is-Sindku semma li gie kkuntatjat minn studenta mill-lokalita` li tixtieq taghmel xi tip ta' xoghol fil-Kunsill. Gie deciz li din ghandha tibghat *email* biex taghti spejgazzjoni tal-proposta taghha.

13.5 Il-Kunsillier Jesmond Borg semma li z-zewg kompjuters li hemm fil-librerija ghall-*internet* ghall-pubbliku jridu jittrangaw ftit peress li wiehed ma jahdimx u l-iehor *slow*. Gie deciz li ghandu jigi kkuntatjat *computer technician* biex jirrangahom. Huwa semma wkoll li l-*website* tal-Kunsill mhux qed jigi *updated* u ghalhekk talab sabiex jigi *updated*. Gie deciz li jigi nformat il-*website manager* dwar dan. Huwa ressaq ukoll talba sabiex isir *patching* fi Triq il-Wileg u sabiex tittranga t-Triq ta' Ghajn Hagar.

13.6 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mit-19 ta' Mejju 2012 sal-15 ta' Gunju 2012 minn referenza numru 80/12 sa referenza numru 103/12.

**14 Korrispondenza.**

14.1 Gew trattati l-korrispondenza li gejja:

14.2 Ittra mibghuta minn Christine Vella *Senior Head Gozo* mill-Awtorita` tat-Turizmu f'Malta fejn saret referenza ghall-ittra tal-Kunsill dwar talba ghal ghajnuna finanzjarja jew xi tip ta' ghajnuna ohra ghal bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Huma talbu lill-Kunsill aktar dettalji dwar din it-talba. Il-Kunsill iddecida li ghandu jibghat ittra fejn jinformahom li l-Kunsill qed jitlob ghajnuna ghall-*litter bins* u bankijiet.

14.3 Ittra mibghuta mis-Segretarju Ezekuttiv Ian Paul Bajada mir-Regjun Ghawdex dwar Annual General Meeting ERY Network f'Ghawdex.

14.4 Ittra mibghuta minn Kap Ezekuttiv Joe Attard mill-Green MT dwar estensjoni tal-ftehim sal-31 ta' Dicembru 2012 bejn il-Kunsill Lokali Qala u l-Iskema Green MT li skada fil-15 ta' Marzu. Il-Kunsill qabel ma din l-estensjoni.

14.5 Kopja ta' appell numru 814/11 Joseph Cassar Vs MEPA dwar PA 3797/02.

14.6 Ittra mibghuta minn Marthese Baldacchino mill-MEPA dwar statement of funds sa l-ahhar t' April 2012.

QALA

14.7 Ittra mibghuta mic-*Chairman* tal-MEPA Austin Walker fejn il-Kunsill gie offrut laqgha biex jigu diskussi xi problemi li jista` jkun hemm fil-lokalita` relati ma l-ambjent u l-ippjanar.

14.8 Notifika t'avviz mibghuta minn Joseph Bezzina (*Enforcement*) ghad-Direttur ta' l-infurzar fil-MEPA, b'referenza ECF 00157/12 fejn b'din l-istess notifika nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avviz ta' Infurzar u kopja ta' dan qed jigi anness ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

14.9 Ittra mibghuta minn Tanya Mercieca *A/Asst. Auditor General* minn *National Audit Office* fejn anness ma din l-ittra ntbghat kopja ta' l-*audit report* u l-*financial statements* kif ukoll il-*management letter* ghas-sena finanzjarja li ghalqet fit-31 ta' Dicembru 2011.

Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Hamis 19 ta' Lulju 2012.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |